A.L. 131 ta' l-1997

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1957 dwar is-Servizz tat-Telefon ma' Barra minn Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 42 ta' l-1957.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1997.

Ħassar ir-regolament 3B tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3B tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.